# FI ŻMIEN IL-FRANĊIŻI

*Mar-rivoluzzjoni Franċiża tas-sena 1789 l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li kienet tiggverna f'Malta tilfet il-propjeta' kollha li kellha fi Franza. Bdew jonqsulha wkoll ir-renti minn pajjiżi oħrajn u t-teżor mar lura. In-nuqqas ta' flus mewwet il-kummerċ u ħafna nies sfaw bla xogħol.F'Ħal Luqa l-għaks beda jinħass sewwa u l-Isqof Labini fl-1795 ħass il-bżonn li jordna li l-flus li jinġabru għall-quddies ta' l-erwieħ ma jibqgħux imorru kollha għal dan il-għan iżda nofshom kellhom jitqassmu lill-foqra. Tant kien hawn faqar f'dak iż-żmien li anki dawk li kienu jgħadduha tajjeb ma setgħux ilaħħqu u ġew fil-bżonn. Fl-1792 l-Ordni bdiet tissussidja l-qamħ biex il-ħobż jibqa' jinbiegħ bl-irħis. Biex iżżomm kontroll fuq il-qamħ ta' barra, l-Universita' (il-gvern) naqqset il-permessi tal-bejgħ tiegħu u f'Ħal Luqa kien hemm żewġ ħwienet biss jistgħu jbigħuh.*

*<u>Truppi Franċiżi jinżlu l-art</u>*

*Fid-9 ta' Ġunju 1798 il-flotta ta' Napuljun dehret fuq ix-xefaq. Jumejn wara, il-Ħadd, Napuljun ordna t-truppi tiegħu jinżlu l-art. Sal-Ħadd filgħaxija Malta kienet f'idejn il-Franċiżi. Il-ġimgħa ta' wara kienu sebat ijiem ta' taħwid u biża'. Bdew ħerġin liġijiet waħda wara l-oħra. Kulħadd kellu jġib il-kukkarda bit-tliet kuluri ta' Franza. L-Isqof biss kien eżentat. Kella titneħħa l-arma tal-Granmastru minn fuq il-bibien tal-knejjes u titpoġġa flokha l-arma tar-Repubblika Franċiża. Kellha wkoll tittella' l-bandiera Franċiża fuq il-knejjes kollha. Il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 1798 l-Isqof Labini, is-superjuri reliġjużi u l-kappillani fosthom il-kappillan ta' Ħal Luqa Dun Tumas Scicluna, wara li Napuljun wegħedhom il-ħarsien tal-knisja u t-tagħlim tagħha ħadu l-ġurament ta' fedelta' lejn Franza.*

*F'pastorali li ħareġ l-Isqof biex jikkalma lin-nies assigura lill-fidili li Napuljun tah il-kelma li r-reliġjon nisranija kellha tiġi mħarsa u l-knejjes, il-ministri u l-funzjonijiet pubbliċi reliġjużi kollha kellhom jiġu rispettati. Il-kliem ta' l-Isqof ftit jew wisq serraħ moħħ in-nies. Il-Ħalluqin li kienu marru jfittxu kenn is-swar tal-Belt mal-wasla tal-Franċiżi, reġgħu lura u l-ħajja fir-raħal ġiet lura għan-normal.*

*Napuljun ħatar "La Commission de Government" magħmula minn 9 min-nies biex tmexxi lil Malta. Din il-kummissjoni fit-23 ta' Ġunju ddeċidiet li taqsam*

*lil Malta fi 12-il muniċipju kull wieħed bi President, erba' membri u segretarju. Ħal Luqa kienet tagħmel ma' 'La municipalite' des Casaux Fornaro (Qormi) et Luca". Bħala president ta' dan il-muniċipju ntgħażel Stanislaw Gatt, l-ispiżjar ta' Ħal Qormi u s-segretarju kien l-avukat Ġużeppi Casha. Fost l-erba' membri ta' dan il-kumitat insibu lil Orazio Ellul rappreżentant ta' Ħal Luqa. Kull muniċipju kien maqsum f' 'cantons' u Ħal Luqa kienet wieħed mis-26 'cantons' li kien hawn. Il-gvern Franċiż naqas li jħallas lill-ħaddiema li kienu jaħdmu miegħu. Il-kummerċ ma' Sqallija ħa daqqa ta' ħarta u l-qligħ kien ftit jew xejn. Żdied l-għaks u nfirex is-suq.*

*L-irvell tal-Maltin kontra l-Franċiżi*

*Fit-2 ta' Settembru 1798 il-Franċiżi ppruvaw ibigħu t-tapizzerija u ħwejjeġ oħra prezzjużi mill-knisja tal-Karmnu l-Imdina. Dan wassal għal irvell ma' Malta kollha. Il-qniepen tal-knejjes wasslu l-aħbar tar-rewwixta ma' Malta kollha u kif saru jafu dan fl-irħula tniżżlu l-bandieri Franċiżi, tkissru l-armi tar-Repubblika u kulħadd telaq lejn l-Imdina u f'kemm ili ngħidlek ir-rewwixta xterdet ma' Malta kollha. Sa l-għada l-irħula kienu kollha f'idejn il-Maltin. F'Ħal Luqa bħal f'kull raħal ieħor sar gvern provisorju kompost minn kap kmandant, kap tal-battaljun, imħallef għar-raħal u tliet kummissarji. Il-Ħalluqin għażlu lil Dun Ġużepp Caruana bħala kap kmandant (Belti ta' nisel minn Ħal Luqa), Dun Ġużepp Grima bħala kap tal-battaljun u l-avukat Ġużeppi Casha Mmħallef. Bħala kummissarji nħatru Dun Salv Ellul, Orazio Ellul u Ġużeppi Scicluna li kien ilu fid-Dejma mal-35 sena u 20 minnhom għamilhom sottotenent fir-Riġment ta' Ħal Luqa.*

*Fit-telgħa ta' Ħal Luqa, il-Ħalluqin ħaffru trunċiera u armaw batterija bi tliet kanuni biex iħarsu r-raħal minn xi attakk Franċiż. Jumejn wara fil-5 ta' Settembru l-battaljun kien spezzjonat minn Manwel Vitale ġeneral kmandant tat-truppi Maltin. F'kull raħal twaqqaf kumitat biex jaħseb għall-ikel tal-battaljun u tan-nies tal-post. F'Ħal Luqa l-kumitat kien immexxi mill-kap kmandant stess, Dun Ġużepp Caruana.*

*Lwiġi Briffa*

*Fl-4 ta' Settembru fil-Banca Giuratale ta' l-Imdina saret laqgħa biex titwaqqaf assemblea nazzjonali. In-nutar Manwel Vitale, il-Markiż de Piro, il-Konti Theuma u l-Kanonku Franġisk Caruana ġew magħżula bħala mexxejja, u l-*

*xi djar f'Hal Luqa għall-fizzjali. Il-ġeneral Graham li kellu f'idejh il-morini Ingliżi tahom ordni biex iħallu t-trunċiera ta' quddiem u jwaqqfu l-kwartieri tagħhom f'Hal Luqa.*

*Iżjed ma beda għaddej iż-żmien iżjed il-Maltin barra s-swar, u l-Franċiżi magħluqa fil-Belt bdew isofru l-ġuħ. Fl-aħħar ta' Jannar 1799 il-ħażna tal-qamħ spiċċat għal kollox. Fil-25 ta' Frar il-Kungress waqqaf f'kull raħal korp ta' suldati biex jieħdu ħsieb il-ħarsien tal-liġi. F'Ħal Luqa dawn kienu f'idejn l-avukat Casha.*

*Fil-15 t'April il-Kungress qatagħha li kull suldat kellu jingħata l-ħobż tiegħu kuljum imissu għassa jew le. Għamilha ċara wkoll li kull raħal kellu jibgħat suldati fil-linja ta' quddiem. Ħal Luqa kellha tibgħat fit-trunċiera ġdida tal-Marsa 35 suldat u żewġ voluntieri. Dawn ta' l-aħħar kienu żgħażagħ minn 15-il sena 'l fuq.*

*Fil-25 ta' Frar beda jsir kontroll biex prezzijiet li kienu ffissati mill-kmandant ta' San Pawl il-Baħar u Marsaxlokk ma jiġux abbużati, u biex ma jsirx serq fil-kejl u l-użin. F'Ħal Luqa għal dan ix-xogħol kienu inkarigati Ġużeppi Scicluna u Orazio Ellul, tnejn mill-kummissarji ta' Ħal Luqa.*

*Tant kienu naqsu l-flus u tant kien hawn ġuħ li fl- 4 ta' Marzu 1799 il-Kungress ta s-setgħa lill-kapijiet ta' kull raħal biex jissellfu l-flus bil-ħamsa fil-mija għax-xiri ta' l-ikel. Il-gvern proviżorju ta' Ħal Luqa ħeġġeġ lil min seta' jgħin biex isellfu l-flus. It-tweġiba kienet waħda ġeneruża. Il-knisja parrokkjali rahnet id-deheb u l-fidda tagħha, il-fratellanzi tas-sagrament u tar-Rużarju silfu 550 skud u ħafna individwi oħra taw b'kollox 1412-il skud. B'dan kollu l-gvern ma kellux munita barranija biżżejjed biex jixtri l-qamħ u l-ikel minn Sqallija. Għaldaqstant f'ismu u f'isem l-iżjed nies għonja ta' Ħal Luqa ftehmu biex jagħmlu rahan il-bini u r-raba' kollu tar-raħal. Dan kien il-mezz waħdieni biex setgħu jinxtraw bid-dejn 500 modd qamħ, 300 modd xgħir u ikel ieħor minn Sqallija. Għal dan ir-rahan iffirmaw il-membri tal-gvern u 12-il Ħalluqi ieħor li kellhom il-bini u l-għelieqi. Fit-3 ta' Marzu dan ir-rahan tħabbar fil-knisja mill-kappillan Dun Tumas Scicluna kif ukoll fil-pjazza b'bandu moqri minn K. Bartolo wara d-daqq tat-tambur.*

*Biex titma' l-battaljun biss Ħal Luqa kellha bżonn ta' 32 skud 8 irbajja' u 13-il ħabba kuljum. Xi wħud f'Ħal Luqa tant ftaqru li kellhom jissellfu jew ibigħu ġidhom biex jieklu. Fl-aħħar xhur ta' l-1799 barra l-ġuħ kien hawn ukoll ħafna mard li jittieħed. F'Ħal Luqa sa l-aħħar tas-sena mietu 28 ruħ b'mard jittieħed.*

*kmandanti tal-battaljuni kellhom jirrappreżentaw l-irħula. Din l-assemblea ddeċidiet li titlob l-għajnuna lir-Re taż-żewġ Sqallijiet, ir-Re Ferdinandu u għażlet lil Lwiġi Briffa biex jagħmilha ta' ambaxxatur għal Malta. Lwiġi Briffa twieled Ħaż-Żebbuġ fl-24 ta' Settembru 1758 u kien iben it-tabib Ħalluqi Ġakbu Briffa. Għal nofs Ottubru Lwiġi Briffa li kellu taħt idejh il-port ta' San Pawl il-Baħar intbgħat biex ifittex u jiltaqa' mal-flotta Ingliża biex jitlob l-għajnuna. Miegħu mar Franġisk Farrugia u qrib Sqallija ltaqa' ma' Nelson. Meta għarrfuh kif kienet il-qagħda wegħedhom li jagħti l-għajnuna hekk kif tissewwa l-ħsara fil-bastiment tiegħu.*

*Ta' min jinnota li Lwiġi Briffa miet ta' 70 sena fis-7 ta' Diċembru 1828 u ndifen fil-qabar tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. L-iskrizzjoni li kien hemm fuq qabru tgħidilna li Malta kienet imdejna lejh :- "wettaq dmirijiet għolja għal art twelidu bla ebda ħlas, meta kienet mhedda minn kriżi". L-irħama li kien hemm fuq qabru llum tinsab fil-knisja ta' Sta. Marija tal-Ftajjar.*

*<u>Ir-reazzjoni tal-Franċiżi</u>*

*Sa dan it-tant il-ġeneral Francois Vabuois beda jkeċċi lin-nies mill-ibliet biex joħloq konfużjoni fil-kampanja u jiffranka l-ikel. Ħadd ma tħalla jieħu miegħu flus jew ħwejjeġ. Fil-21 ta' Novembru Vabuois għamel attakk għall-għarrieda fuq il-batterija ta' Kordin. Il-Maltin li kienu ftit telqu jiġru lejn it-trunċiera f'Tal-Borġ biex jagħtu l-allarm. Il-Franċiżi ħasbu li ħarbu għax beżgħu u baqgħu jiġru warajhom sa Raħal Ġdid. Malli qorbu lejn Tal-Borġ il-Maltin fetħu n-nar fuqhom bil-kanuni. Dak il-ħin waslu l-Ħalluqin, ingħaqdu mas-suldati li kien hemm diġa' u flimkien għamlu kontr'attakk. Dawn ħarbtu lill-Franċiżi u ġrew warajhom sas-swar. Dakinhar il-Franċiżi tilfu 5 fizzjali u 37 suldat.*

*Fil-11 ta' Frar 1799 saret laqgħa mmexxija mill-Kaptan A. Ball(Ingliż) fejn intlaħaq ftehim li kull raħal kellu jagħżel deputat u l-assemblea tibda tissejjaħ Kungress. Fit-18 tax-xahar id-deputati magħżula ppreżentaw ir-riżultat ta' l-elezzjoni u ħadu posthom fil-Kungress. Rappreżentant ta' Ħal Luqa ntgħażel Ġużeppi Casha. Ma' din il-ħatra t-tmexxija tal-Battaljun waqgħet f'idejh.*

*Fid-9 ta' Diċembru 1799 żewġ riġmenti Ingliżi niżlu fil-port ta' San Pawl il-Baħar. Wieħed minnhom - ir-Royal Irish Fusiliers - ħa postu fil-Gudja u Ħal Luqa. Il-kmandant tat-truppi l-ġeneral T. Graham kellu l-kwartieri ġenerali tiegħu f'Villa Bettina l-Gudja. Qabel ma waslu t-truppi Ingliżi, Ġużeppi Casha kien ġa ħa*

*Matul is-sentejn 1798 - 1800 minn popolazzjoni ta' anqas minn 1000 Ħal Luqa tilfet 265 ruħ barra s-47 refuġjat li mietu r-raħal. Fis-snin ta' qabel meta kollox kien normali kienu jmutu bejn wieħed u ieħor 18-il ruħ fis-sena u l-biċċa l-kbira trabi. Meta wieħed jikkompara dawn in-numri mill-ewwel jinduna li r-rata ta' mwiet f'dawn is-sentejn kienet għolja ħafna. Dan kien kaġun tal-ġuħ u l-mard li ħakem lir-raħal f'dawk iż-żminijiet.*

*Fil-5 ta' Settembru 1800 il-Franċiżi ċedew u fit-8 ta' Settembru l-Isqof Labini intona t-Te Deum tar-rebħa f'San Ġwann.*

*Tagħrif miġbur mill-ktieb "Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha" - Dun Ġużepp Micallef*

TAL-PAPRU

***SIMON MUSCAT***




**GĦAL KULL ĠARR TA' ĠEBEL U BRICKS**

***Mobile: 099 0355***